**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 27**

**20 ta' Ottubru 2025**

Il-laqgħa numru 27 saret fil-bini amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar it-Tnejn 20 ta' Ottubru 2025 fil- 16.30 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | - | Sindku |
| Miriam Camilleri | - | Viċi Sindku |
| Matthew Bugeja | - | Kunsillier |
| Nazzareno Bugeja | - | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Tiffany Abela - Deputat Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **27** | **Qari ta' ittri ta' apoloġija** |
| | F'din il-laqgħa ma kienx hemm ittri ta' apoloġija |
| | |
| **27.1** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti** |

| | |
|---|---|
| | Minuti 24 – kien hemm xi korrezzjonijiet żgħar li ġew emendati qabel il-laqgħa u għalhekk kienu qed jiġu preżentati il-minuti korretti.<br><br>Minuti 25 – ma kienx hemm korrezzjonijiet<br><br>Minuti 26 – ma kienx hemm korrezzjonijiet |
| | |
| **27.2** | **Komunikazzjoni mis-Sindku** |
| | Is-Sindku stieden lil Duncan Hall bħala konsulent tal-Kunsill sabiex jitkellem fuq it-tenders. Duncan Hall qal li bħala tenders kien għad fadal biss it-tender tal-bulky. It-Tender tal-ġnien il-ġdid fi Triq Kavallerizza kien ġie iffirmat il-kuntratt. L-electric van gie ordnat u l-Kunsill kien qed jistenna li jasal u jiġi delivered. It-Tender għal konsulent tal-IT ħareġ ukoll. It-tender tal-bulky irid joħroġ u għalhekk il-kunsill irid jiddeċiedi jekk dan ux ser joħroġ bħala servizz u għalhekk minn japplika irid ikollu temping licences minħabba li skart qiegħed imniżżel fiċ-ċirkulari tad-DOC.<br><br>Is-Sindku saqsa minħabba l-prezz u Duncan Hall wieġeb li kien hemm ċans li dan jogħla ftit mis-servizz li hemm riċenti imma l-kunsill ma kellux kontrol fuq dan. Pero jekk dan it-tender ma joħroġx kif suppost ikun hemm ċans li jkun hemm appell u jkollu jitwaqqa' tender. Matthew Bugeja qal li l-kunsill għandu jiffissa budget u jekk it-tender jiġi għola mill-budget it-tender jiġi mwaqqa' mill-kunsill.<br>Wara diskussjoni l-kunsill qabel li it-tender tal-bulky kien ser joħroġ bħala:<br>• servizz<br>• bżonn li minn japplika jkollu liċenzja tat-temping<br>• minimu ta' darba fil-ġimgħa<br>• Vann Euro 6<br>• Jinġabru sa massimu ta' 4 oġġetti minn kull dar<br>• Għaż-żmien ta' sentejn li jista' jerġa jiġġedded, għal-sena oħra u wara jista' jerġa jiġġedded għal-sena oħra. |
| | Is-Sindku stieden lid-designer Dione Borg sabiex ikellem lil-kunsilliera fuq Ġnien ġdid fi Triq Bir-Rikka. Dione Borg ippreżenta id-disinni tiegħu u qal ukoll li l-pjan hu li taħt ikun hemm ġiebja. Reno Bugeja qal li l-kunċett ta' funtana ma kienx qed jolqtu minħabba li din tinxef u trid ħafna manutenzjoni. Matthew Bugeja qal li hu kien imħasseb biss fuq il-waterfall u kien qed jissuġġerixxi li fuq il-ħajt isir graffiti pjanati. Is-Sindku qal li dak kien il-pjan. Matthew Bugeja żied ukoll li kieku hu kien joħroġ l-arbuxelli iktar il-barra sabiex iservu ta' passaġġ sabiex in-nies jgħaddu minn bejniethom u hekk tiżdied is-sigurtà. |
| | Is-Sindku qal li fit-8 ta' Ottubru kellu laqgħa ma' Infrastructure Malta rigward it-Toroq li ser jiġu rranġati s-sena d-dieħla. Matthew Bugeja semma li hekk kif kienu ser jinqalgħu il-bankini f'Port Ruman, kemm kien possibbli li jinqalgħu is-siġar taż-żebbuġ, jitħawlu x'imkien ieħor u minflokhom jinżergħu siġar li ma jħammġux u li l-għeruq tagħhom ma jagħmlux ħsara lill-bankini u propjetà privata. |
| | Is-Sindku qal li fid-9 ta' Ottubru tħassret il-kawża tal-monti. Għalissa m'għandiex data u hekk ux ser isir. Is-Sindku xtaq li issir vot ħalli deċiżjoni tal- |

| | |
|---|---|
| | kunsill tkun ċara. Matthew Bugeja qal li l-avukat kellu jiftaħ mandat fil-Qorti filwaqt li Daniel Zerafa qal li għandu konflitt ta' interess. Is-Sindku wieġeb li għadu ma sarx minn naħa tal-avukat. Għalhekk il-kunsill ħa vot sabiex il-bejjiegħa li qegħdin fil-posta tal-monti ta' nhar ta' Ħadd nru164 u nru 165 jimxu għal posta ftit metri lura bin-numri 14 u 15. Fuq dan kien hemm qbil minn għand kulħadd. Daniel Zerafa Ma ħax sehem fil-votazzjoni peress li ddikjara kunflitt ta' interess.<br><br>Is-sindku qal ukoll li fid-9 ta' Ottubru kien hemm konferenza stampa tal-Pitch. Għaliha kien hemm preżenti ukoll l-ON. Chris Bonett. Is-sindku qal li hu jirringrazzja pubblikament lil-onorevoli Bonnet li fl-aħħar xi ħadd kien wasal biex jagħmel dan il-proġett li ilu mwiegħed ħafna. Miegħu kien ser isir ukoll il-tkabbir tal-bajja tal-Għar l-Aħmar. Is-Sindku talab lil-onorevoli sabiex issir il-bajja kollha u l-ġnien ta' Port Ruman. Hu talab ukoll sabiex isiru it-truġa tal-housing estate, Ġnien fi Triq Bir Rikka kif ukoll il-fili tal-pjazza u sabiex isiru xi pjanti fil-pjazza. Possibbilment ukoll terġa' tinxtegħel il-funtana. |
| | Is-Sindku qal li fl-20 ta' Ottubru flimkien mas-DES kellu laqgħa mall-Awtorita' tal-Ippjanar fuq id-DPF funds. F'din il-laqgħa ġiet diskussa kif dawn jistgħu jiġu użati fuq l-uffiċini tal-kunsill fis-sit tal-Ex-Enemalta. Fuq dan kien hemm qbil ukoll |
| | |
| | Is-sindku informa li wara taħdidiet li kellu mal-kumpanija ElectroGas din kienet offriet xi flus bħala donazzjoni fuq proġett ambjentali. Għalhekk hu kien qed jissuġġerixxi li l-ġnien fi Triq Santa Katerina jiġi mnaddaf u fih isir tapit tat-turf, kif ukoll isiru strutturi li jżommu l-pjanti mit-tyres bħala kunċett ta' reduce, re-use, recycle. Fuq dan kien hemm qbil. |
| | Is-Sindku informa li kien hemm fondazzjoni għal Delimara fejn il-membri kienu:<br>Kenneth Abela<br>Jose-Paul De Bono<br>Sara Ezabe Malliue<br>Shirley Micallef Saliba<br>Estelle Bonello Sant<br>Darryl Grech<br><br>Reno Bugeja qal li magħhom kellu jkun hemm ukoll is-sindku bħal rapreżentant tal-kunsill. Fuq dan kien hemm qbil. |
| | Is-Sindku qal li minħabba l-applikazzjoni tal-isem tal-ġnien Project Green kellhom bżonn li jkollhom żewġt ismijiet sabiex dawn jiġu approvati mid-dipartiment tal-ismijiet tat-toroq. Għalhekk il-kunsill għażel l-ismijiet ta': Ġorġ ta' Kalċi, jew George Carabott |
| | Is-Sindku qal li qed jirċievi ħafna kummenti fuq facebook minn profil falz u dawn qed ikunu inidirizzatti u immirati dirett għalih u li jinsilwaw ħafna. Is-Sindku iddikjara li hu imexxi f'isem Marsaxlokk u qatt ma ra politika jew kuluri. F'din il-laqgħa xtaq li jwieġeb lil wieħed minnhom fejn dan il-profil kien ikkummenta li:<br>- Fi Triq L-Arznell kien hemm kaxxa safra biex taqdi lil xi persuni partikolari. Is-Sindku xtaq iwieġeb li din il-kaxxa safra saret sabiex tkun |

| | |
|---|---|
| | tista' tipparkja l-ambulanza li kienet ġejja u sejra hemmhekk għal persuna li kellha kanċer terminali. Kaxxi simili bħal dawn fil-passat kienu wkoll saru Fi Triq il-Firilla u oħrajn.<br>- Dan il-profil kien semma ukoll li Sindku kien qed iħaddem lin-neputija mingħajr sejħa fil-kunsill. Is-sindku qal li in-neputija tiegħu kienet qed taħdem fil-kunsill fuq skema tal-istudenti. Is-Sindku informa ukoll li bħalissa kien hemm is-sejħa interna għal skala 15 u li hekk ma japplika ħadd internament, din is-sejħa tgħaddi f'idejn il-jobsplus.<br>Is-Sindku żied li dan il-profil qed jgħamel ħafna ħsara. Reno Bugeja qal li hu jissuġġerixxi li dan kollu jgħaddi għand is-cyber unit. Fuq dan kien hemm qbil b'5 voti favur. |
| | Is-Sindku qal li skond il-liġi tal-kunsilli peress li l-kunsill għandu l-FSI taħt l-10%, il-kunsill kellu jaħtar bord tal-finanzi. Dan kellu rwol li japprova kull nefqa li ssir mill kunsill. Skond ċirkulari maħruġa fil-2015, dan kellu jiġi kompost mis-Sindku, Segretarju Eżekuttiv, u kunsillier. F'każ li ħadd minn dawn ma kien accountant, kellu jiġi inkluż ukoll l-accountant tal-kunsill. Għaldaqstant, il-bord ser ikun kompost mis-Sindku, Deputat Segretarju Eżekuttiv, l-accountant tal-kunsill, u l-kunsill innomina lil-Daniel Zerafa b'vot unanimu. |
| | |
| **27.3** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti u petty cash** |
| | Id-DES preżentat l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash lil-kunsilliera. Fuq dan kien hemm qbil |
| | |
| **27.4** | **Mozzjoni – Carrying Capacity** |
| | Id-DES qalet li rċievet mozzjoni fuq il-Carrying capacity ta' Marsaxlokk. Din il-mozzjoni kellha l-Reno Bugeja bħala proponent, u lis-sindku bħala sekondant. Id-DES qrat din il-mozzjoni u il-kunsilliera intalbu jieħdu vot. Il-kunsilliera qablu unanimament ma din il-mozzjoni b'5 voti favur |
| | |
| **27.5** | **Systema tal-permessi** |
| | Is-Sindku informa li DLG ma kienx ser iġedded il-kuntratt għal-programm tal-permessi. Kull kunsill għandu l-għażla li jew joħroġ sejħa għal-programm ġdid jew inkella jibqa' bis-sistema li għandu imma jkun responsabbli għalija l-kunsill. Il-ħlas tas-sistema ser tkun mid-DLG stess. Għaldaqstant il-kunsill iddeċieda b'5 voti favur li kien ser jibqa' bl-istess programm u forsi jsiru xi tibdiliet żgħar. |
| | |
| **27.6** | **Communal Blue Badge Parking Bay** |

| | |
|---|---|
| | Is-Sindku qal li il-kunsill irċieva email sabiex titneħħa l-blue badge li hemm quddiem 2/3 Triq il-Luzzu Marsaxlokk. Id-DES qrat l-email fejn is-sinjur kien qed jgħid li l-bieb kien qed jintuża bħala garaxx u li kien qed idaħħal u joħroġ mutur. Is-Sinjur kien qed jgħid ukoll li peress li din saret blue badge bay kien qed isiba diffiċli biex jgħamel il-permessi sabiex jaħdem. U għalhekk saqsa:<br>1. X'inhu l-iskop li tagħmel parking bay għal BlueBadge holders f'post fejn f'ħafna stanzi, ma jkunx jista' jintuża għax ikun hemm permess ta' No Parking? Is-Sindku wieġeb li dawn il-permessi kienu ilhom applikati ma Transport Malta, ħafna qabel ma beda jitranġa l-post imsemmi. F'dik l-akwata kien deċiż li dawn il-blue badge bays isiru fl-ewwel parking tat-triq minn naħa tax-xatt. Is-Sindku irrimarka ukoll li l-permessi mhux ser ikunu ta' kuljum u għalhekk ma kienx hemm problema fuq il-parking bay.<br>2. Għaliex dan it-tip ta' parking bay tpoġġiet f'post illi huwa espost għall-periklu? Il-Kunsill saqsa x'periklu kien hemm f'dan il-parking bay għax kull ma ġara li l-parking l-abjad inbidel f'blue badge communal bay.<br>3. Kien hemm diskussjoni fil-kunsill u vot dwar din il-materja? Is-Sindku ikkonferma li iva din il-materja ġiet diskussa fil-leġislatura ta' qabel.<br><br>Fuq dan il-kunsill irrimarka li l-bieb imsemmi mhuwiex bieb ta' garage u skond il-permessi approvati ta' TM dan kien entratura għal kċina. Permit number 10005/17. Daniel Zerafa irrimarka li forsi tista' tinżel ftit l-isfel u b'hekk forsi jidħol parking ieħor. Is-Sindku qal li alissa hu jissuġġerixxi li kollox jibqa kif kien peress li triq kienet ser tinqala'. Għalhekk il-kunsill ħa vot fuq l-istatement: Taqbel li l-blue badge parking jibqa' kif inhu u ma jiċċaqlaqx l-isfel?<br>Voti favur: 5, Voti kontra: 0 |
| | |
| **27.7** | **Byelaw Monti** |
| | Is-Sindku spjega li id-DES rċevit risposta mingħand l-avukat tad-DLG fuq il-byelaw tal-monti fejn din qed tirreferi għal-liġi tal-Business hours Regulations SL.441.08 u SL 441.04 Attivitajiet li jirrikjedu permess mill-Kunsill.<br><br>Il-kunsill wieġeb għal dak li tgħid l-email li din il-byelaw kien hemm bżonnha peress li l-affarijiet fix-Xatt ta' Marsaxlokk żdiedu ħafna, fosthom l-imwejjed u siġġijiet tar-restoranti u għalhekk ma kienx aċċettabbli li l-monti jarma fost il-Ġimgħa mis-6.30am sa 17.00 u l-Ħadd mis-6.30am sa 18.00. Barra minn hekk kien hemm ukoll il-proċess tat-tindif speċjalment nhar ta' Ħadd wara l-bejjiegħa tal-ħut. Id-dipartiment tat-tindif kien qed jagħmel dan it-tindif wara talba mill-kunsill lokali u għaldaqstant il-kunsill kien qed jiffranka aktar minn 18K fis-sena. Kif jispiċċa tindif, jibdew jarmaw mill-ewwel tar-ristoranti għalhekk il-Kunsill ħass li jgħamel din il-byelaw.<br><br>Din il-byelaw saret b'konsultazzjoni mal-bejjiegħa tas-suq fil-beraħ.<br><br>Hawnhekk Matthew Bugeja qal li jekk ser nimxu mal-liġi imsemmija ried ikun hemm ukoll infurzar fuq x'ħin kien jibda jarma suq, peress li ħafna mill-bejjiegħa jarmaw ħafna qabel is-6.30am. Miriam Camilleri kompliet li hekk |

| | |
|---|---|
| | mhux ħa ssir il-byelaw, imma ser nimxu mal-liġi ser jinħoloq chaos sħiħ għax ir-ristoranti ma jkunux jistgħu jaħdmu. |
| | |
| **27.8** | **Mistoqsijiet** |
| | Miriam saqsiet fuq Triq Kavallerizza u sindku wieġeb li din kienet tal-water works. Qalet ukoll li kien hemm biċċa mingħajr sinjali u sindku wieġeb li kienu ser isiru. Miriam saqsiet għal refresh taż-żebra crossing in-naħa tal-port ruman. Is-Sindku saqsa liema waħda u qalet li kienet ser tiċċekkja.<br><br>Reno saqsa jekk quddiem is-Sans Souci, jistgħux isiru bollards kontinwi f'nofs tat-triq għax kien qed isir ħafna overtaking. Is-Sindku qal li ser jiċċekkja<br><br>Matthew qal li quddiem l-Ispar man-naħa tac-central strip kien hemm bżonn bollard għax minflok jinżlu l-isfel u jduru minn Triq Cippi is-sewwieqa kienu qed jgħamlu u-turn perikoluż fi Triq iż-Żejtun. |
| | |
| **27.9** | **Planning Authority** |
| | Daniel Zerafa qal li kien hemm Enforcement fuq is-sit tal-ex Southport minħabba l-ħajt għax dan ħareġ il-barra u għalhekk il-parapett irid jidħol il-ġewwa. EC/00117/25.<br><br>Kien hemm ukoll email li ġiet iċċirkulata lil kulħadd fejn qed tiġi proposta struttura taħt il-baħar 100m x 100m il-barra mill-port ta' Marsaxlokk. Matthew Bugeja ikkummenta li jekk din iż-żona ma kienetx ser taffetwa lis-sajjieda, hu ma kienx qed jara problema. Daniel Żerafa talab lil Reno Bugeja sabiex jitkellem mas-sajjieda ħalli hekk huma ma jsibux oġġezzjoni ma jkunx hemm lok ala l-kunsill joġġezzjona. |
| | |
| | Il-laqgħa ġiet fi tmiema għal ħabta tas-19.20. Il-Laqgħa li jmiss kienet ser issir nhar it-13 ta' Novembru 2025, fl-10.00am |

*Ikkonfermati lum 13 ta' Novembru 2025,*

***IFFIRMATA***

__________________________

**Steven Grech**

*Sindku*

***IFFIRMATA***

__________________________

**Tiffany Abela**

*Deputat Segretarju Eżekuttiv*

***IFFIRMATA***

__________________________

*Proponent*

***IFFIRMATA***

__________________________

*Sekondant*